U dlonk nintebaħ, li minn temm din l-opra
Ta' ħila barranija;
Kellu bil-fors ikun, wieħed li f'sidru
Tħabbat qalb Siġġiwija.

Hallejt opri oħrajn mal-gżira mxerrda,
Li jibqgħu xhieda sħiħa,
Tal-qawwa tal-ħsieb tiegħek u ta' ħiltek
Fuq kull tfixkil rebbieħa.

Għalhekk nixtieq illum ismek ingħolli
U nqajjem it-tifkira
Ta' kulma għamilt biex tkabbar il-ġieħ tagħna
U l-isem ta' dil-gżira.

U rrid mid-dlam fejn għal snin twal kont minsi
Inqajmek narġa' għall-ħajja,
U ma' ta' ġewwa u mal-barranin inxandar
Ta' ħajtek kbira l-ġrajja.

Għax int kont kbir, mhux le bil-kobor fieragħ
Li jgħammex bil-lwien tiegħu,
Li jintemmu f'daqqa u kif fix-xejn jiġġarraf,
Iġarraf kollox miegħu.

Il-kobor tiegħek kien mis-Sema mnissel,
Mogħni bid-dawl tas-sewwa,
Li ma jafx ta' din l-art it-toroq mgħawġa
U s-semm tal-qerq u d-dnewwa.

Għax inti xrobt mill-għerf, li jagħti l-ħajja,
Li fit-twemmin jitrabba,
U kellek taħraq fik xrara tas-Sema,
Xrara ta' safja mħabba.

Għalhekk ma ħallejt qatt li qalbek taqa'
Imjassra mill-kburija,
U għalkemm kont kbir, dejjem bqajt tħobb
Bil-fidi tat-tfulija.

u temmen



Issa ilu ħafna snin, li għabt minn fostna
Li l-mewt magħha ġabritek,
U fit-trab u fid-dlam ta' qabar kiesaħ,
Mal-gozz taħt l-art xeħtitek.

U għalkemm fix-xejn ilhom li ntemmu u tmermru
Il-fdalijiet ta' ġismek,
Imma int għadek, ma mittx, għadek ħaj fostna,
Bil-kobor ta' ġieħ ismek.

U nibqgħu bik nitkabbru u nibqgħu dejjem
Ngħożżu t-tifkira tiegħek,
U qalb dar-raħal, fejn hemm tħabbat qalbna
Tibqa' marbuta miegħek.

U nibqgħu inħobbuk, nibqgħu niftakru
Kulma int għamilt għalina,
U ismek, b'ittri minqux li xejn ma jħassar,
Jibqa' dejjem ħaj fina.

29 ta' Novembru, 1959.

NOTA: — Din il-poeżija, Patri Ġ. Delia, S.J. kitibha u qraha fl-okkażjoni ta' l-Akkademja li saret is-Siġġiewi, f'ġieħ Dr. Nikolò Zammit, bħala tifkira ta' egħluq is-60 sena tal-mewt tiegħu!

......

## KOTBA LI RĊEVEJNA

Ulied ta' l-Azzar (*Rumanz*), minn għand Victor Apap.

Ir-Rużarju (*Rivista*), Vol. XII — Ott-Diċ., 1960, No. 3. — minn għand P. Val. Barbara, O.P.

The Young Listener (Rivista), Nri. 1 u 2, Oct-Nov., 1960, Information Office, b'mezz ta' K. Vassallo.